KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 482 (9-25)**

**It-Tnejn 16 ta' Frar 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

**PREŻENTI:**

Is-Sindku Julian Borg
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech(daħal għal-laqgħa fil-18.40, ħareġ mil-laqgħa 20.10)
Il-Kunsillier Charles Vassallo
Il-Kunsillier Stephanie Vassallo

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Il-Viċi Sindku Ryan Cachia

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**482.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**482.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Viċi Sindku.

**482.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Minuti, mibgħuta qabel lill-Kunsilliera, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Is-Sindku ressaq il-Minuti tas-Seduta 481 għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Christopher Farrugia ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**482.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti.

**482.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**482.3.1** Talba biex jinbena boundary wall u tneħħija ta' 8 parkeġġi fi Triq Papa Pawlu VI.

Is-Sindku preżenta talba biex jinbena boundary wall u jitneħħew temporanjament 8 parkeġġi sakemm issir kostruzzjoni fi Triq Papa Pawlu VI. Minħabba n-natura tat-talba ser taffetwa numru ta' residenti, is-Sindku talab li ssir site inspection biex naraw tinstabx alternattiva li toħloq l-inqas inkonvenjent. Hu indika nhar il-Ħamis 19 ta' Frar fit-8.30am fuq il-post.

**482.3.2** Talba biex titbaxxa bankina fi Triq l-iskola

Is-Sindku preżenta din it-talba, u qal li wara spezzjoni li saret flimkien mal-Perit tal-Kunsill, irriżulta li minħabba l-livelli u s-servizzi eżistenti fil-post, il-bankina ma tistax titbaxxa. Fil-fatt, din kienet inżammet fl-istess livell meta snin ilu sar it-tranġar tal-bankina ta' biswit, proprju għall-istess raġuni.

**482.3.3** Tneħħija ta' MC bay fi Triq l-Iskola

Is-Sindku qal li kellmuh residenti rigward il-parking bay tal-muturi li tneħħa fi Triq l-Iskola minħabba aċċess, kif approvat f' seduta preċedenti. Din il-materja ġiet diskussa u l-Kunsill Lokali fehem iż-żewg materji prinċipali, li hemm minn għandu problema sabiex jaċċessa u joħroġ mil-garaxx tiegħu u kemm li peress li tneħħa parkeġġ riċentement, naqas parkeġġ ta' mutur fit-triq. Illi għalhekk il-kunsill lokali qabel li ssir MC bay oħra fit-triq (u għalhekk ma jkunx tneħħa parkeġġ ta' mutur) kif ukoll isir double line bejn żewġ garaxxijiet (fejn kien hemm MC bay qabel) sabiex nassiguraw illi l-garaxxijiet ma jkunux ostakolati u għalhekk ikun hemm liberu aċċess.

**482.3.4** Talba għal tismija ta' triq ġdida fi Triq Eusebio Buhagiar

Is-Sindku ressaq talba biex il-kunsill jipproponi isem għal triq ġdida fi Triq Eusebio Buhagiar. Hu talab li din tiġi inkluża fl-aġenda tas-seduta li jmiss biex il-kunsill jilħaq iressaq ismijiet.

**482.3.5** Ġita f'Noto f'Mejju 15-18 ta' Mejju 2026

Is-Sindku informa li qed nistennew il-konferma uffiċjali mill-Kunsill ta' Noto għall-iffirmat tal-Ġemellaġġ f'Mejju, fl-okkażjoni tal-infjorata. Hu qal li huwa l-ħsieb li ssir ġita (bi ħlas) għall-pubbliku għal din l-okkażjoni simili bħal ma' saret ta' Bari is-sena l-oħra. Hu qal li din l-attivita' ser tkun koordinata minnu flimkien mal-Kunsilliera Stephanie Vassallo mal-amministrazzjoni tal-Kunsill. Dettalji jitħabbru 'l quddiem.

**482.3.6** Vakanzi miftuħa ta' Clerks mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

Is-Sindku informa li bħalissa is-sejħa ħarġet pubblika wara li ingħatajna l-permess neċessarju. Nhar it-Tnejn 23 ta' Frar 2026 ser isiru l-interviews għall-kandidati eliġibbli. Fis-seduta li jmiss jitressaq ir-rapport tal-bord.

**482.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**482.4.1** Il-Kunsillier Dominic Grech staqsa jekk hix tintuża xi sistema biex insegwu bżonnijiet ta' tiswija tat-toroq (patching). Hu qal li diversi toroq ġew fi stat vera ħażin, fosthom Triq id-Demnuq. Hu qal li nnota li sar patching temporanju fis-service road tal-bypass fejn qed isir ix-xogħol. Is-Sindku wieġeb li kemm il-maltemp u iktar it-trakkijiet qed jikkawżaw ħsarat kbar fit-toroq. Hu qal li l-ħaddiema tal-kunsill kontinwament jagħmlu patching bil-cold asphalt, u semma li dan l-aħħar intużaw fuq elfejn ewro boroż ta' materjal biex isir patching b'urġenza. Hu qal li f'toroq bħal ta' Kandja, inutli li jintefa' materjal speċjalment jekk ikun hemm l-ilma u talab lil Infrastructure Malta li minn naħa tagħhom ser jagħmlu tiswija b'urġenza temporanja u wara isir patching estensiv.

**482.4.2** Il-Kunsillier Dominic Grech staqsa dwar l-arranġament tat-traffiku fi Triq il-Knisja l-Qadima u għaliex għadu ma twettaqx. Is-Sindku wieġeb li l-arranġament ta' Triq il-Knisja l-Qadima huwa parti minn proġett ikbar li jinkorpora il-pjazza, kif kien ġie approvat mill-Kunsill. Huwa qal li għad qed inwieġbu diversi kjarifiċi u ser tintalab laqgħa mal-Perit Conti ħalli jiġu diskussi l-issues pendenti għax il-proċess issa ħa fit-tul wisq.

**482.4.3** Is-Sindku qal li intalbet laqgħa mal-foreman tal-Enamalta rigward diversi issues u anka biex tiġi ċċarata l-proċeduta ta' twaħħil ta' lampi ġodda. Hu qall li sal-lum, anka wara diversi reminders, ma rċevejna l-ebda risposta.

**482.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**482.5.1** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li l-camera tal-Girgenti ser tiġi spustjata għal Bur Ġabrun fejn bħalissa hemm abbuż ta' rimi illegali. Hu qal li wara laqgħa mal-ERA dwar problemi ambjentali ġiet diskussa l-problema ta' rimi illegali fiż-żona ta' Kandja, l-iktar b'materjal industrijali u ta' kostruzzjoni. L-Era pproponew li titwaħħal camera minnhom biex iż-żona tkun monitored. Ser isir koordinament dwar dan. Il-Kunsillier Vassallo informa li għada ser isir il-party tal-anzjani fl-okkażjoni ta' San Valentino. Huwa informa li wara laqgħa mar-Reġjun Punent dwar is-servizzi tal-iskart, skont l-istatistika tas-sena li għaddiet, is-Siġġiewi huwa l-iktar lokalita' li naqqsu skart imħallat u żiedu fl-iskart riċiklat. Dan huwa riżultat tajjeb ħafna u qal li nkomplu naħdmu biex nedukaw lin-nies u possibbilment jitnaqqas ir-rimi illegali. Hu qal li bħalissa qed jikkoordina it-tindif relatat mal-Mixgħela u t-toroq kollha li jieħdu għal Tal-Għolja.

**482.5.2** Il-Kunsillier Stephanie Vassallo infurmat li beda l-kors tal-Arts u Crafts għat-tfal u ser ikun imqassam 4 sezzjonijiet kull darba. Hija qalet li l-attivita' Doctors for Road Safety issa ser issir fit-3 ta' Marzu.

**482.5.3** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li t-tournament tal-futbol b'koordinament mar-Reġjun Punent huwa pjanat għal Mejju. Hu qal li fi Frar hemm pjanat tournament tal-Football mill-Klabb. Hu qal li attenda il-laqgħa tar-Reġjun dwar attivitajiet sportivi u qed jipproponi tournament tal-boċċi ma' lokalitajiet oħra u maratona tar-roti mal-Kunsilli ta' Ħal Kirkop u ż-Żurrieq.

**482.6** **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi**

**482.6.1** Is-Sindku informa li l-proġett taħt l-iskema SPI/SCI 04/2024, ġiet kompletata. Hu qal li tħawlu ammont sabiħ ta' ċipress tul it-triq ta' Bur il-Kbir. Huwa rringrazja lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-proċess kollu biex dan il-proġett twettaq.

**482.6.2** Vjal Kulħadd
Is-Sindku qal li beda it-tqaxxir tal-karreġġata prinċipali, fejn ser ikunu qed jinżlu 400mm l isfel u jingħataw tlett saffi ta' asfalt.

**482.6.3** Xogħol Enemalta

Is-Sindku informa li bħalissa waslu ħdejn id-Dar tal-Providenza bit-trinka u x-xogħol qed javvanza sew. Hu qal li diġà hemm terz tat-tul fejn tqiegħed il-cable u qed jordmu mill-ewwel.

**482.6.4** Xogħol fit-Triq Ta' Bur il-Kbir

Is-Sindku qal li l-pedamenti lesti u x-xogħol għaddej b'ritmu tajjeb.

**482.6.5** Bankini

Is-Sindku qal li ser jibda x-xogħol fuq biċċiet żgħar ta' tiswija ta' bankini u anka tiswija f'water culvert mill-kuntrattur tal-kunsill. Hu qal li għandu jsir komunikat mad-Dipartiment tax-xogħolijiet dwar it-tkomplija tax-xogħolijiet tal-bankini.

**482.7** **Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skont Artiklu 50 tal-Att dwar Gvern Lokali (KAP 363) il-Kunsill Lokali għandu jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv minn fost l-impjegati tal-Kunsill Lokali li jkunu minn Skala 11 'il fuq. Hi qalet li fid-dawl li l-impjegata li kienet fi skala 9 rriżenjat, hija tipproponi li dan l-irwol jingħata lill-Uffiċjal Amministrattiv II, Martina Galea li żgur li timmerita dan ir-rwol. Hija qalet li dan ir-rwol jidħol fis-seħħ f'każ li s-Segretarju Eżekuttiv jinforma bil-miktub f' ċirkustanzi fejn ma jkunx jista' jaġixxi. Is-Sindku propona l-approvazzjoni kif indikat mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament qabel.

**482.8** **Jum is-Siġġiewi 2026**

**482.8.1** Is-Sindku qal li il-Ħadd fid-9.30am ser issir il-quddiesa ta' ringrazzjament u talab lill-kunsillier jikkonfermaw l-attendenza tagħhom mal-uffiċċju minħabba seating.

**482.8.2** Il-preparamenti għas-serata tal-1 ta' Marzu qegħdin fi stadju avvanzat u l-inviti jintbagħtu l-ġimgħa d-dieħla. Hu qal li t-tema ta' din is-sena hija bix-xieraq Għar Lapsi.

**482.8.3** L-attivita' Doctors for Road Safety ser issir fit-3 ta' Marzu fi Triq Salvu Borg Olivier fejn b'koordinament ma' Ambjent Malta ser isir taħwil ta' numru ta' siġar, u attivita' ta' Crafts u taħwil għat-tfal. Ser jattendu tfal mill-iskola primarja.

**482.8.4** Il-Ħamis 5 ta' Marzu ser ikollna Special Assembly fl-iskola primarja u wara attivita' Buzz Bee mir-Reġjun Punent.

**482.8.5** Is-Sindku qal li hemm il-ħsieb li ssir attivita' kulturali u storika b'miġja mill-Pjazza, Knisja l-Qadima sa Għar il-Kbir. Dettalji 'l quddiem.

**482.8.6** Hu qal li kien hemm il-ħsieb ukoll li ssir attività sportiva fil-ground iżda jidher li l-amministrazzjoni tal-futbol ma kienux disponibbli għal dik id-data.

**482.8.7** Is-Sindku qal li dawn l-attivitajiet kollha qegħdin fuq il-calendar invite u jħeġġeġ lill-kunsillier jkunu preżenti.

**482.9** **Attivita' - Mixgħela Ħamis ix-Xirka 2026**

Is-Sindku qal li l-attivitajiet ser ikunu bbażati bħas-sena l-oħra, bil-mixgeħla tal-Pjazza f'idejn il-Grupp tal-Armar, il-mixgħela tal-għolja f'idejn il-Każin Banda San Nikola, u l-wirja f'Ħal Xluq f'idejn l-Għaqda tan-Nar. Hu qal li diġà saret laqgħa mal-għaqdiet konċernati bħala koordinament u anka bħala promozzjoni biex jiġu inklużi wkoll ir-Reġjun Punent u l-Malta Tourism Authority peress li ser jassistu fil-finanzjament. Is-Sindku talab lill-kunsillier Charles Vassallo jikkoordina it-tindif bħas-sena l-oħra u t-tqegħid tal-bins. Ġiet diskussa wkoll mal-pulizija biex jitpoġġew sinjali fuq il-ħitan

tat-telgħa biex jiġi evitat periklu u anka ħsarat. Is-Sindku qal li hija skedata laqgħa mad-Dipartiment tar-restawr biex jiġi spjegat l-andament tax-xogħolijiet u anka biex naraw li hemm l-aċċess bħas-sena l-oħra.

482.10 **Talbiet għal ħsarat**
Is-Sindku qal li din il-materja ġiet diskussa ma sindki oħra biex jara kunsilli lokali oħra xi prassi jieħdu f'dawn iċ-ċikostanzi. Hu qal li risposta komuni kienet li mhux faċli tivverifika l-allegat każ u ċ-ċirkostanzi, jekk hux vera ġrat fil-post allegat, il-veloċita', il-viżibilta', kundizzjoni tal-vettura qabel l-allegat inċident. Peress li l-kunsill qed jitratta fondi pubbliċi u allura ħlasijiet għandhom ikunu ġustifikati, il-kunsill qabel li jimxi bil-prassi li kienu adottati minn leġiżlaturi preċedenti u ċioe li jirreferi lill-individwu għall-arbitraġġ. Il-Kunsill unanimament qabel.

482.11 **Parteċipazzjoni fil-Proċess tal-ELoGE (European Label of Governance Excellence)**
Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret l-applikazzjoni għal taħriġ relatat mal-ELOGE biex eventwalment il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ikollu ċeritifikazzjoni ta' Governanza mill-UE. Hija qalet li diġà sar taħriġ lokali u imiss sezzjoni ta' taħriġ f'Sardenja f'Marzu. Hija qalet li għaddiet l-informazzjoni lill-kunsilliera lil min jixtieq jattendi f'isem il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għandu japplika mill-iktar fis. Dan it-taħriġ ser ikun finanzjat minn fondi Ewropej. Il-Kunsillier Charles Vassallo wera interess li jattendi.

482.12 **Għar Lapsi – ħsarat mill-maltemp**
Is-Sindku qal li hemm konsultazzjoni pubblika mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi li tagħlaq fl-24 ta' Frar 2026. Hu qal li jkun opportun li l-Kunsill jiltaqa' mad-Dipartiment qabel din id-data biex ikun jaf kif ħa jimxu. Il-Kunsillier Albert Pace qal li huwa inkwetat għall-fatt li għadu ma jafx x'sa jsir fil-bajja u ma ġie komunikat l-ebda proġett. Hu qal li għalkemm ix-xogħol ser isir mid-Dipartiment, il-bajja hija fil-konfini tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u għalhekk irid ikun hemm konsultazzjoni sħiħa mal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jitlob ukoll konferma minn esperti jekk il-bajja hix fil-fatt sigura għall-għawm.

482.13 **Aged Creditors – Approval for cancellation**
Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista ta' aged creaditos li jmorru lura għas-snin 2016-2022. Hija tat spjegazzjoni ta' kull item u qalet li dawn m'humiex kredituri tal-kunsill għal diversi raġunijiet u qatt ma bagħtu l-ebda statement relatat. Għalhekk qed titlob li dawn jinqatgħu mis-sistema biex ma jibqgħux jidhru fir-rapporti finanzjarji. Il-Kunsill unanimament qabel.

482.14 **Approvazzjoni tal-Quarterly Report Q4 (Oct-Dec2025)**
Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega tar-rapport finanzjarju tal-aħħar tlett xhur tas-sena, diġà mibgħut lill-Kunsilliera. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat. Il-Kunsill unanimament approva.

482.15 **Approvazzjoni tal-Unaudited Accounts 2025**
Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega tar-rapport finanzjarju tas-sena 2025, diġà mibgħut lill-Kunsilliera. Hija qalet li is-sena għalqet b' bilanċ tajjeb grazzi għall-fondi supplementari miġjuba minn skemi li l-Kunsill japplika għalihom. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat. Il-Kunsill unanimament approva.

482.16 **Renewal of permit tal-IP0001/26 – Poligas Ltd. – Ħal Farruġ Road, Luqa**
Il-Kunsill eżamina r-rapport tal-ERA relatat mal-applikazzjoni għall-estensjoni. Is-Sindku osserva li din tirrigwarda estensjoni ta' permess li diġà jeżisti. Wara diskussjoni dwar il-materja, il-Kunsill ikkonkluda li l-ERA hija l-entità kompetenti u responsabbli f'dan il-każ, u għaldaqstant hija għandha tiżgura li l-estensjoni proposta tkun konformi mar-regolamenti applikabbli.

**482.17** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**482.17.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**482.17.2** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq PA/08339/25 u talab li jkollna iktar informazzjoni.
*Location of development: Agricultural Land, Tad-Demnuq, Triq l-Imqabba, Siggiewi*
*Description of works: To sanction variations from that approved in PA/8560/20 including the sanctioning of agricultural store under ramp. To sanction reconstruction of rubble wall in an extension to the field, ramp and opening to access it.*

**482.18** **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**482.19** **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**482.20** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**482.21** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**482.21.1** Il-kunsillier Charles Vassallo staqsa dwar l-inċident li kien sar fil-ġnien ta' Ramija fejn saret diversa ħsara, u sal-lum għad ma tranġatx inklużi il-camera, id-dawl, tabelli u li kien hemm imkisser. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet l-aħħar informazzjoni li għandha li t-tiswija ġiet ordnata mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet.

**482.22** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**
Il-laqgħa intemmet fit-8.22 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 23 ta' Marzu 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 23 ta' Marzu 2026

| | |
|---|---|
| Il-Perit Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |